MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1191/2005

Avukat Shaheryar **GHAZNAVI** bħala prokuratur tal-assenti Thomas A. Galantowicz, Joyce E. Hesketh, Joyce Bell u Laura Kent fil-kwalita' tagħha ta' rappreżentanti ġuridika tas-soċjetajiet esteri *Cornerstone Investment Circle I* u *Cornerstone Investment Circle II*

vs

Avukat Vincent **GALEA** u P.L. Mario Mifsud Bonniċi li, b'degriet tas-16 ta' Jannar, 2006, ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjeta' estera *Web Investments Limited*

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-15 ta' Diċembru, 2005, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li l-Qorti taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka trodd lura lill-atturi *proprio* s-somma ta' mija u

disgħa u sebgħin elf tliet mija u dsatax-il dollaru Amerikan u wieħed u disgħin ċenteżmi (US$ 179,319.91), li huma għaddewlha biex tinvestihomlhom u baqgħet ma ħaddmithomx;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2006, li bih tat lill-imħarrkin Kuraturi Deputati żmien biex jitħallew jikkontestaw il-kawża u jressqa n-Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-Kuraturi Deputati fl-24 ta' Frar, 2006, li biha qalu li ma jafu xejn dwar il-fatti msemmija mill-attur *nomine*;

Rat il-provi dokumentali mressqin mill-attur *nomine*, magħduda magħhom il-provi mressqin bil-meżż tal-affidavit;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għar-radd lura ta' flejjes mgħoddijin mill-atturi lill-kumpannija mħarrka u li din tal-aħħar naqset li tużahom kif messha użathom. L-atturi riedu jinvestu l-flejjes u qabbdu lill-kumpannija mħarrka biex tħaddmilhom dawk il-fondi. Huma jgħidu li hija poġġiet dawk il-flus f'kont bankarju li għandha f'Malta, u baqgħet ma investithomx. Sadattant, il-kumpannija mħarrka waqfet tinnegozja u d-diretturi tagħha telqu minn Malta wkoll. Il-flus għadhom miżmuma fil-kont bankarju f'Malta;

Illi mill-<u>provi li jinsabu fl-atti tal-kawża</u> joħroġ li tassew li, f'xi żmien matul l-2004, l-atturi għaddew flejjes minn depożiti bankarji tagħhom fl-Istati Uniti tal-Amerika ġo kont bankarju ta' *Sparkasse Bank* f'Malta f'isem il-kumpannija mħarrka. Il-kumpannija mħarrka hija kumpannija "*offshore*", inkorporata f'Ġibilta' fl-2002, bl-indirizz tan-negozju tagħha f'Tas-Sliema, Malta, u n-negozju ewlieni

tagħha jkun dak li tinvesti flus il-klijenti tagħha. L-azzjonisti tagħha kienu Kenneth Brown u David Howe, filwaqt li d-direttriċi waħdanija kienet waħda Martha Esquivel Rodriguez. Ġara li, f'xi żmien matul l-2005, il-kumpannija mħarrka waqfet tikkummerċja u Esquivel Rodriguez ħalliet Malta wara li irriżenjat minn direttur tal-kumpannija;

Illi sadattant, il-flus li l-atturi kienu għaddew lill-kumpannija baqgħu ma tħaddmux u nżammu fl-imsemmi kont bankarju. Meta għadda ż-żmien, l-atturi bdew jitolbu li flushom jintraddu lura lilhom[1]. Minkejja wegħdiet li l-flus kienu sejrin jintbagħtu lura, ma ġara xejn. Il-kawża nfetħet f'Diċembru tal-2005;

Illi fil-konsiderazzjonijiet ta' natura legali dwar il-każ, jidher li huwa sewwa ippruvat u muri li l-atturi kollha ġew imħajrin jinvestu flejjes proprji tagħhom. Jirriżulta wkoll li, b'xi mod, dawn il-flus spiċċaw kollha fil-kont numru #004127GAUSDO, intestat f'isem il-kumpannija mħarrka. Jirriżulta li dawk il-flus ma ġewx investiti għall-iskopijiet li l-atturi kienu riedu;

Illi l-attur Galantowicz ġie mwebbel minn wieħed Jack Taylor biex jinvesti ħamsin elf dollaru Amerikan (US$ 50,000) favur entita' bl-isem ta' Prescribe Asset Corporation f'Novembru tal-2004[2]. B'xi mod, dawk il-fondi ma tħaddmux mill-entita' benefiċjarja, imma spiċċaw fil-kont tal-kumpannija mħarrka. Jirriżulta li l-attriċi Joyce Hesketh ġralha l-istess ħaġa b'somma li kienet tammonta wkoll għal ħamsin elf dollaru Amerikan (US$ 50,000) f'Ottubru tal-2004 favur entita' bl-isem ta' Retirement Development Partners LLC[3]. Hawn ukoll, il-flus reġgħu għaddew minn Prescribe Asset Corporation sa ma fl-aħħar waslu fil-kont tal-kumpannija mħarrka xi xahar wara[4]. Fil-każ tal-attriċi Joyce Bell, iċ-ċirkostanzi li fihom Taylor ħajjarha tinvesti kienu bħal dawk tal-attriċi Hesketh, imma l-valur tal-investiment tagħha kien ta' ħamsa u

[1] Affidavit ta' Thomas Galantowicz 11.10.2005, f'paġ. 7 tal-proċess
[2] Dok "SG7", f'paġ. 11 tal-proċess
[3] Dok "SG14", f'paġ. 18 tal-proċess
[4] Affidavit ta' Joyce Hesketh 11.10.2005, f'paġ. 15 tal-proċess

għoxrin elf mitejn u sitta u disgħin dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (US$ 25,296.29). Dawn il-flus tqegħdu fil-kont tal-kumpannija mħarrka flimkien ma' dawk investiti mill-attriċi Hesketh;

Illi dwar l-attriċi Laura Kent, jirriżulta li hija president ta' kumpannija bl-isem ta' Cornerstone Management Limited Liability Company, li hija sieħeb ma' l-attriċi Cornerstone Investment Circle I u Cornerstone Investment Circle II[5]. Hija wkoll tħajret tinvesti flejjes ma' Woodford Green LLC. F'Novembru tal-2004, hija investiet b'kollox erbgħa u ħamsin elf u tlieta u għoxrin dollaru Amerikan u tnejn u sittin ċenteżmi (US$ 54,023.62) ma' entita' bl-isem ta' Covenant Management Account iżda li, minflok, tqegħdu fil-kont bankarju f'Malta tal-kumpannija mħarrka tlitt ijiem wara. L-attriċi ressqet provi dokumentali wkoll li juru li l-flejjes investiti minnha spiċċaw f'dak il-kont[6];

Illi l-atturi ressqu x-xhieda wkoll ta' David Howe, wieħed mill-azzjonisti tal-kumpannija mħarrka[7], li, fost ħwejjeġ oħra, jagħmilha ċara li jaf li l-fondi fil-kont tal-kumpannija mħarrka f'Malta huma dawk li ħarġu minn bwiethom l-atturi f'din il-kawża. Iżid jgħid li jifhem li l-ebda persuna oħra ma għandha l-jedd fuq dawk il-flejjes jew li tista' tippretendihom għaliha. Ressqu wkoll ix-xhieda ta' Kenneth Brown, l-azzjonist l-ieħor, li wkoll jistqarr li l-fondi miżmuma fil-kont bankarju f'Malta tal-kumpannija mħarrka huma tal-atturi[8];

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn il-fatti kollha li jirriżultaw juru li l-pretensjonijiet tal-atturi huma mistħoqqa. Juru wkoll li ż-żamma tal-imsemmija flejjes fl-imsemmi kont tikkostitwixxi kemm abbuż mill-mandat mogħti speċifikatament mill-atturi, u kif ukoll stat ta' pussess indebitu ta' ħwejjeġ ħaddieħor bi ħsara għas-sid. Il-fatt li l-kumpannija mħarrka ma għadhiex tinnegozja jfisser ukoll li ma jidhirx probabbli li x-xewqat tal-atturi li flushom jitħaddmu bi qligħ jistgħu jseħħu. Fuq kollox, il-fatt ukoll li l-fondi investiti

[5] Affidavit tagħha 25.8.2005, f'paġġ. 44-5 tal-proċess
[6] Dokti "SG45" sa "SG48", f'paġġ. 50-3 tal-proċess
[7] Dok "SG37", f'paġġ. 41-2 tal-proċess
[8] Affidavit tiegħu 22.8.2005, f'paġġ. 61-2 tal-proċess

ġew rintraċċati sal-awturi rispettivi tagħhom (jiġifieri, l-atturi) jkompli jsaħħaħ il-każ tal-istess sidien;

Illi min-naħa tagħhom, il-Kuraturi deputati biex jidhru għall-kumpannija mħarrka ma seħħilhomx iressqu provi li jmieru jew iwaqqgħu l-provi mressqin mill-attur *nomine*. Dan jingħad ukoll minkejja li jidher li l-istess Kuraturi Deputati kienu għaqlin u għamlu l-aħjar tagħhom biex ifittxu lill-kostitwenti tagħhom u biex jieħdu mingħandhom l-istruzzjonijiet meħtieġa;

Illi għalhekk, jidher li jkun xieraq u ġust li t-tieni talba attriċi tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba attriċi** u dan fid-dawl tad-degriet mogħti fit-22 ta' Frar, 2006;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi s-somma ta' wieħed u sittin elf u mija u wieħed u sittin lira Maltin (Lm 61,161), li tirrappreżenta s-somma ekwivalenti għall-ammont ta' mija u disgħa u sebgħin elf tliet mija u dsatax-il dollaru Amerikan u wieħed u disgħin ċenteżmu (US$ 179,319.91) bir-rata ta' 2.67 dollari Amerikani għal kull Lira Maltija, rappreżentanti somom ta' flus tal-istess atturi minnhom investiti, li baqgħu ma tħaddmux kif riedu l-istess atturi, u li qegħdin jinżammu bla jedd fil-kont bankarju ta' Sparkasse Bank Malta f'isem l-istess kumpannija mħarrka;

**Bl-ispejjeż** kontra l-kumpannija mħarrka, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------